# QORTI ĊIVILI

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 12 ta' Dicembru 2018**

Rikors Nru. 223/13/RGM

Kawza fil-lista: 2

**A D gja` C D**

**Vs**

**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat prezentat mill-attrici fl-24 ta' Ottubru 2013 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

*1. Ili l-esponenti u l-intimat izzewgu fl-10 ta' Dicembru, 2011 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. 'A') u miz-zwieg taghhom huma ma kellhomx ulied.*

*2. Illi d-decizjonijiet mehuda mill-partijiet biex wasslu ghaz-zwieg kienu decizjonijiet mghaggla hafna u mehuda f'cirkostanzi fejn il-partijiet kienu ltaqghu u bdew ir-relazzjoni ta' bejniethom meta r-rikorrenti kienet ilha f'relazzjoni ma' persuna ohra ghal seba' snin waqt li l-intimat kien wasal biex jizzewweg. Tant kienu affrettati d-decizjonijiet li tmien (8) xhur biss wara li ltaqghu r-rikorrenti kienet xtrat in-nofs indiviz tal-post li l-intimat kien xtara mas-siehba li kellu qabel u li kien wasal biex jizzewweg qabel ma ltaqa' mar-rikorrenti.*

*3. Illi l-esponenti saret taf li l-intimat kellu relazzjonijiet ma' diversi nisa ohra kemm matul iz-zmien tal-gherusija u kif ukoll matul iz-zwieg, u dan kif ikkonfermah l-intimat innifsu.*

*4. Illi ghalhekk jirrizulta bl-izjed mod car u manifest illi l-intimat ikkuntratta dan iz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva ta' diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga fosthom il-fedelta`, l-imhabba (ghax ma tistax thobb persuna u fl-istess hin ikollok relazzjoni/jiet ma' persuna/i ohra) u l-istabilita` tal-familja.*

*5. Illi wkoll l-esponenti saret taf illi l-intimat ibati b'diversi anomaliji patologici, problemi ta' belongingness minhabba t-tip ta' trobbija li huwa kellu u ghira li ma taghmilx sens ghar-rikorrenti u l-familja taghha peress li huma familja ferm maghquda u jghinu lil xulxin, a differenza tal-familja li trabba fiha l-intimat, u dawn il-kundizzjonijiet kollha certament li affettwaw il-kunsens tal-intimat b'mod illi huwa kellu difett serju ta' gudizzju dwar x'inhuma d-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga. Il-fatt li l-intimat kellu diversi relazzjonijiet ma' diversi nisa ohra kemm matul l-gherusija u kif ukoll matul iz-zwieg hija manifestazzjoni mill-izjed cara ta' tali difett ta' gudizzju u kunsens.*

*6. Illi kieku l-esponenti kienet taf b'dawn l-affarijiet kollha nkluz l-infedelta` tal-intimat matul l-gherusija certament li hija ma kinitx sejra tizzewgu u allura effettivament il-kunsens tar-rikorenti kien vizzjat minn zball fuq l-indentita`*

*tal-intimat li wkoll qarraq biha billi hbielha dawn l-affarijiet u kien juriha li jhobbha meta fl-istess waqt kien ghaddej b'relazzjonijiet ma' diversi nisa ohra.*

*7. Illi wara zwieg qasir il-kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali tal-21 t'Awwissu, 2013 in atti Nutar Dottor John Gambin (vide Dok. 'B').*

*8. Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Dicembru, 2011 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*9. Illi l-esponenti qed tikkonferma bil-gurament taghha l-fatti kollha kif kontenuti f'dan ir-rikors guramentat.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*i)Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Dicembru, 2001 huwa null u bla ebda effett skont il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-istess artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ii) Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti.*

*L-intimat huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Frar 2014 li taqra kif gej:

*1. Illi l-intimat jinsab meraviljat mill-ardir tar-rikorrenti li tattribwixxi lilu dak kollu li ghamlet hija u hija biss ma' persuni ohra, kemm qabel u kif ukoll matul iz-zwieg taghhom flimkien;*

*2. Illi l-intimat jichad kategorikament li huwa qatt kellu relazzjonijiet improprji ma' persuni ohra minn mindu bdiet ir-relazzjoni tieghu mar-rikorrenti sakemm din spiccat fis-separazzjoni;*

*3. Illi l-intimat jichad ukoll kategorikament l-allegazzjonijiet inveritieri serji dwar xi patologiji serji li gew attribwiti lilu mir-rikorrenti.*

*4. Illi kienet ir-rikorrenti li barra li kellha diversi kunfidenzi zejda ma' diversi rgiel, kienet ukoll f'relazzjoni intima ma' numru ta' rgiel fl-istess zmien li l-partijiet kienu f'relazzjoni serja jew addirittura diga zzewgu u dana kif ghandu jirrizulta minghajr dubbju permezz ta' xhieda u/jew provi independenti;*

*5. Illi inoltre filwaqt li kien ghaddej dan kollu r-rikorrenti kienet dejjem tipprova tiggustifika kull azzjoni taghha billi jew tghid lill-intimat li kien qed jimmagina, jew li qed jivvinta jew li huwa ma jafdahiex;*

*6. Tant kienet tkun konvincenti li l-intimat kien jikkonvinci lilu nnifsu u jtiha l-beneficcju tad-dubju. Illi ghalhekk semmai anka minhabba fatti ohra li ghad iridu jigu esposti u ppruvati bl-aktar mod car l-esponenti huwa konvint li r-*

*rikorrenti hija 'compulsive liar' li mhux biss tigdeb kontinwament fuq hafna fatti izda li tant tkun konvincenti li tasal biex temmen il-gideb taghha hija stess;*

*7. Illi sussegwentement inqalghu diversi cirkustanzi, sar jaf diversi stejjer u fatti permezz ta' diversi modi li wrew bic-car li dak li kien jahseb hu kien kollu minnu u li hija kienet qieghda tigdeb kontinwament fuq l-aktar elementi important f'relazzjoni serja;*

*8. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku li r-rikorrenti ikkuntrattat dan iz-zwieg bl-eskluzjoni ta' diversi elementi essenzjali ghall-validita` taz-zwieg fosthom izda mhux biss dawk tal-fedelta`, l-esklussivita` u l-istabbilita tar-relazzjoni u n-nukleju tal-familja. Kif ukoll fgat l-ezistenza ta' zwieg tajjeb bin-nuqqas ta' fiducja, imhabba, rispett, komunikazzjoni, onesta, u impenn veru;*

*9. L-intimat jiddikjara li huwa dejjem kellu imhabba, rispett u impenn shih lejn ir-rikorrenti u r-relazzjoni taghhom. Huwa kellu wkoll relazzjoni tajba u rispett shih lejn il-genituri tar-rikorrenti, liema rispett u mhabba kienu rikambjati minnhom.*

*10. Illi li kieku l-esponenti kien jaf li r-rikorrenti kienet qed tigdeb bl-aktar mod sfaccat u li kellha diversi relazzjonijiet intimi u kontinwi ma' diversi rgiel huwa ma kienx jizzewwigha.*

*11. Illi ghalhekk huwa jaqbel li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Dicembru, 2011 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (b), u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-istess Kap; imma dan minhabba htijiet imputabbli lir-rikorrenti.*

12. *Salv eccezzjonijiet oħra jekk ikun il-kaz;*

Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo (li kienet ġiet nominata minn din il-Qorti a spejjez provvizorjament taz-zewġ partijiet fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014) flimkien mat-traskrizzjonijiet ta' seduti u xhieda li tressqu quddiemha inkluz ix-xhieda tal-konvenut in subizzjoni tat-28 ta' Mejju 2015 u dokumenti miġbura mill-istess Perit Legali;

Rat in-Nota ta' l-attriċi tal-15 ta' Mejju 2017 permezz ta' liema ġie prezentat l-affidavit ta' l-istess attriċi;

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo kif maħluf fil-5 ta' Diċembru 2017.

Rat in-nota ta' l-attriċi prezentata fl-20 ta' Ġunju 2018 permezz ta' liema ġiet prezentata kopja tad-digriet mogħti mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 t'April 2018 fl-istess ismijiet ta' din il-kawza permezz ta' liema id-deċizjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tat-30 t'Awissu 2017 li ddikjarat null iz-zwieġ tal-partijiet ġiet ordnata sabiex tiġi reġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Rat illi permezz ta' l-istess Nota hawn fuq indikata, l-attriċi ċediet kontestwalment it-talbiet tagħha fil-mertu fil-waqt li żammet impreġudikat il-kap ta' l-ispejjeż.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2018, din il-Qorti in vista tan-Nota hawn fuq indikata, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi u ħalliet il-kawza għas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi dawn il-proċeduri fl-istadju huma ntizi biss sabiex jistħarrġu l-kwistjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez wara li l-kwistjonijiet dwar il-mertu ġew ċeduti mill-attriċi in vista tar-reġistrazzjoni tad-deċizjoni ekklezjastika dwar l-annullament taż-żwieġ tal-partijiet.

Illi f'sitwazzjonijiet fejn il-Qrati ntalbu sabiex jiddeċiedu dwar il-kap ta' l-ispejjez wara li t-talbiet fil-mertu jkunu ġew ċeduti, uħud mill-konsiderazzjonijiet li saru dwar l-indaġini li tkun trid issir kienu s-segwenti konsiderazzjonijiet indikati fis-Sentenza deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2011 fl-ismijiet ***Dr. Jeremy Debono bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Bernard u Elvira konjuġi Jeanneret, assenti minn dawn il-Gżejjer vs MIDI p.l.c. (C – 15836)*** (Citazzjoni Numru. 184/2009)*:*

*"Illi, bħala prinċipju, l-artikolu 906(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-jedd lil kull waħda mill-partijiet li, f'kull waqt tal-kawża sal-għoti tas-sentenza, tirrinunzja b'Nota għall-atti li hija tkun ressqet f'dik il-kawża. Il-liġi trid*[1]*, madankollu, li meta jiġri hekk, il-parti li tirrinunzja għall-atti tħallas l-ispejjeż tal-kawża u ma tistax tibda kawża oħra dwar l-istess ħaġa qabel ma tkun ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra. Sakemm ir-rinunzja tkun waħda mingħajr kundizzjonijiet, il-parti l-oħra ma tistax tirrifjutaha*[2]*. Illi ċ-ċessjoni ta' kawża hija waħda mill-għamliet ta' rinunzja għall-atti*[3]*, u tibda sseħħ hekk kif issir fil-forma li tippreskrivi l-liġi u, ladarba tkun saret, ma tistax titħassar jew tinġibed lura*[4]

[1] Art. 907(2) tal-Kap 12
[2] Art. 908 tal-Kap 12
[3] P.A. RCP 28.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet Sebastian Brincat et vs Antonio Mifsud et
[4] P.A. AM 23.1.1998 fil-kawża fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe (mhix

*minħabba li r-rinunzja toqtol – sal-limiti li fiha tkun saret – il-mixi 'l quddiem tal-proċess ġudizzjarju*[5]*;*

*Illi, madankollu, r-riżervi magħmula f'Nota ta' ċessjoni jew rinunzja (bħal, per eżempju, "biex l-esponenti jirregola ruħu aħjar" jew "bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti") ma jagħmlux tali rinunzja waħda kundizzjonata*[6]*, u l-parti l-oħra ma tistax tirroftaha. Ingħad li r-"ratio" ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li hekk kif jiddependi mill-attur jistitwix il-ġudizzju jew le, hekk ukoll minnu stess jiddependi jekk iridx ikomplih jew iwaqqafu f'kull waqt tal-kawża*[7]*;*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-atturi ċedew il-mertu, imma b'kundizzjoni. Żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom dwar il-kap tal-ispejjeż. Dan wassal lill-Qorti biex ikollha b'xi mod tqis xi provi biex tiddetermina jekk kemm-il darba l-eżawriment tal-kwestjonijiet fil-mertu tridx twieġeb għalih il-kumpannija mħarrka, jew jekk jgħoddx għalih il-prinċipju msemmi aktar qabel li min iċedi l-atti jrid iħallas ukoll l-ispejjeż;*

Issir referenza wkoll għal dak li ġie kkonsidrat f'sentenza oħra mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Frar 2010 fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali 985/08 presentata fid-9 ta'April 2008 fl-ismijiet ***Direttur Ufficcju Kongunt kontra Natale Falzon (ID 87362M) u Helen Mary Muscat Doublesin (590650M)*** (Citazzjoni Numru. 399/2008) fejn ġie kkonsidrat is-segwenti:

*Illi l-kwistjoni hija regolata bl-Art.223 sa 225 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dawn id-disposizzjonijiet, dik li tista' tkun applikata fil-kaz in esami hija l-Art.223.*

pubblikata)

[5] P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.
[6] App. Ċiv. 5.4.1954 fil-kawża fl-ismijiet Borġ vs Mirasole (Kollez. Vol: XXXVIII.i.137)
[7] App. Ċiv. 8.5.1967 fil-kawża fl-ismijiet Żammit et vs Aġius et (Kollez. Vol: LI.i.584)

*Illi fil-kawza tal-lum ma hemmx sentenza definittiva fil-mertu propju ghaliex ghar-ragunijiet taghhom il-partijiet iddikjaraw quddiem il-Qorti li l-mertu kien ezawrit u ghaldaqstant ma hemmx "tellief" ghall-fini tas-subartikolu (1) tal-Art.223.*

*Illi mis-subincizi l-ohra tal-istess Art.223 l-uniku li tista' din il-Qorti tislet direzzjoni ghall-fini ta' dawn il-proceduri huwa s-subinciz (3) li jaqra hekk –*

*Fil-kazijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.*

**Ikkonsidrat:**

Illi tenut kont tal-prinċipji hawn fuq iċċitati, din il-Qorti għarblet il-provi mressqa u eżaminat ir-relazzjoni tal-Perit Legali b'mod partikolari dak li ġie ndikat a fol. 189 fil-proċess tal-kawza odjerna:

*Kwindi l-istampa kompleta li tirrizulta f'dan il-kaz hija ta' zewg min-nies, emozzjonalment immaturi u superficjali fl-attitudni taghhom partikolarment lejn relazzjonijiet intimi, kif rilevat partikolarment, ghalkemm mhux biss, mir-relazzjoni/jiet adulteri illi kellhom it-tnejn illi huma, illi certament ma jurux xi komprensjoni qawwija jew solida tal-obbligu tal-fedelta' fiz-zwieg.*

Issir referenza wkoll għal dak indikat fol. 191 tal-proċess fejn fil-konkluzjonijiet tagħha l-istess Perit Legali kkonsidrat illi l-kunsens taz-zewġ partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja mizzewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak li xehdet dwaru l-attriċi fl-affidavit tagħha dwar relazzjoni intima li hija kellha ma' terz waqt iz-zwieġ (fol.128) kif ukoll dak li hija ndikat li kien tagħha x'jifhem il-konvenut dwar relazzjonijiet ma' terzi li huwa kellu kemm qabel u kemm wara li huma kienu żżewġu meta kien elenka bil-miktub ismijiet ta' terzi persuni referibbli għal qabel iz-zwieġ u għal wara z-żwieġ.

Illi għalkemm il-konvenut meta xehed in subizzjoni, prova jagħti tifsira oħra għall-dak li huwa kien indika billi jsostni li dan l-elenku kien sar biex jindirizza allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tiegħu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-verzjoni li tat l-attriċi hi aktar kredibbli.

Illi l-qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raġġunti mill-abbli perit legali fis-sens illi ż-żwieġ ċelebrat mill-partijiet fl-10 ta' Diċembru 2011 kien null u bla effett stante li l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' ġudizzju fuq il-ħajja mizzewġa. Il-ħtija għal dan hija fuq iż-żewg partijiet.

Issir referenza għall-**Artikolu 223 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:-

*(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*

*(2) Fil-każ ta' digriet interlokutorju, il-qorti tista' tħalli d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għas-sentenza definittiva, inkella tikkundanna t-tellief għall-ispejjeż.*

*(3) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.*

Konsidrat li l-Qorti qed issib ħtija fuq iż-żewġ partijiet li waslu għall-annullament taż-żwieġ tagħhom, il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati miż-żewġ partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż tal-kawża billi tordna illi l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu in kwantu għal nofs mill-attriċi u in kwantu għal nofs mill-konvenut.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |